**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 022/2020**

17 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

**22.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

22.1.1 Ma kienx hemm

**22.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

22.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 19 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

22.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

12.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

12.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 20 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

22.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sur Martin Vella il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

22.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

22.2.7 Il-minuti ta' seduta numru 21 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

22.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

22.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**22.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

22.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi materjal li r-Regjun Xlokk ghadda lill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mill-istess Regjun fosthom hand sanitizer. Hija sahqet li l-istess Regjun Xlokk kien ser ikun qieghed jiffinanzja skema li permezz taghha kienet ser tinholoq web-site b'informazzjoni dwar knejjes fil-lokalitajiet rispettivi. Is-Sindku semmiet ukoll kif ir-Regjun Xlokk kien ghadda rigal lil kull membru tal-Kunsill Lokali.

22.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi waqt laqgha li kellha ma resident, kienet giet mitluba toggezzjona ghal tqeghid ta' tined biswit stabbiliment li kien hemm f'Xatt ir-Rizq. Hija saqhet illi flimkien mal-amministrazzjoni kienet ghamlet il-verifiki mehtiega permezz ta' spezzjonijiet minn ufficjali fi hdan il-korp tal-pulizija u kien

irrizulta illi l-operat tal-istess stabbiliment kien kopert bil-permessi kollha mehtiega. Wara li kkonsultat mal-Kunsilliera, hija ziedet tghid illi kien gie konkluz illi ma kienx il-kaz illi jittihedu proceduri ulterjuri.

*F'dan l-istadju il-kunsilliera Noyah Spiteri Hammett harget mis-Seduta ( 6:05p.m.)*

22.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali, kien gie ffirmat memorandum of understanding ma Artopolis Ltd. rigward progett fil-kappella ta' San Gwann T'Ghuxa. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jipprocedi billi b'mod ufficjali jitlob devoluzzjoni tas-sit in-kwistjoni.

22.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien ha hsieb illi jinbeda tindif ta' bitha li kienet tifforma parti mill-binja amministrativa tal-Kunsill Lokali.

*F'dan l-istadju il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett dahlet lura ghas-seduta (6:12p.m.)*

22.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu saru l-arrangamenti mehtiega sabiex tinzamm konferenza ghall-istampa b'konnessjoni mal-progett LC Care project li l-Kunsill Lokali kien implimenta. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kienu ser ikunu prezenti flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali, membru minn CSAF li kienu imsiehba tal-Kunsill Lokali fil-progett, L-Onor. Dr. Jose' Herrera u l-Onor. Anton Refalo.

22.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi waqt laqgha tar-Regjun Xlokk, kienet giet infurmata illi kien ser ikun qieghed jittella kors relatat mas-sahha mentali ghall-kunsilliera u impjegati tal-Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw parti mir-Regjun. Is-Sa. Zerafa Civelli hegget lil dawk interessati sabiex jinfurmawha bil-ghan illi tkun tista' tghaddi n-numru ta' partecipanti lir-Regjun Xlokk.

## 22.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.4.1 Ma kienx hemm

## 22.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

22.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru012/20) ghall-approvazzjoni.

12.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Melanie Aguis, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

12.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Novembru 2020.

22.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**22.6 Sejhiet ghall-offerti**

22.6.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo.

22.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghall-kiri ta' dawl ornamentali ghal zmien il-Milied, kienet giet infurmata mir-Regjun Xlokk illi kien ser ikun hemm rimbors ta' elf ewro lill-kull Kunsill Lokali fi hdan l-istess Regjun. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lill-president tar-Regjun ghal din l-ghajnuna u inizjativi ohra li kienu ssemmew mis-Sindku aktar kmieni waqt l-istess seduta.

**22.7 Attendenza tal-Kunsilliera ghas-seduti**

22.7.1 Is-Sindku qalet illi kienet ingibditilha l-attenzjoni rigward il-fatt illi s-Sur James Cauchi kien naqas milli jattendi ghal aktar minn terz tas-seduti li kienu gew msejha fi zmien sitt xhur u ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu skont artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali ( kap 363) jinnotifika lill-Ministru responsabbli dwar il-materja

22.7.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi mal-obbligu legali u jinforma lill-Ministru bic-cirkostanza. Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ghaddiet kunsiderazzjoni sabiex issir rakkomandazzjoni bil-ghan illi l-Ministru ma jiddikjarax il-post tas-Sur Cauchi bhala vakanti. Dan peress li s-Sur Cauchi kien informa lill-Kunsill Lokali bin-nuqqas tieghu ghas-seduti rispettivi u ta gustifikazzjoni, liema gustifikazzjoni giet ikkunsidrata bhala valida. Is-Sa. Melanie Agius issekondat u fuq talba tas-Sur James Cauchi gew irregistrati l-voti li kienu s-segwenti:

Alison Zerafa Civelli. - Favur
Marco Agius - Favur
Noyah Spiteri Hammett - Favur
Johann Scerri - Favur
Martin Vella - Favur
Melanie Agius - Favur
James Cauchi - Astensjoni

**22.8 Poloz ta' Assikurazzjoni**

22.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti b'poloz ta' assikurazzjoni li l-Kunsill Lokali kellu fis-sehh u li kienu ser jaghlqu fl-ahhar 2020. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet

tghid illi fir-rigward, kien jinhtieg li jkun hemm decizjoni mill-Kunsill Lokali dwar it-tigdid tal-istess poloz. Wara li inghataw dettalji tal-poloz imsemmija, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jkun hemm tigdid hekk kif propost mis-Sindku.

**22.9 Akkumular ta' vacation leave tal-impjegati**

22.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-impjegati kienu utilizzaw u ippjanaw il-vacation leave ghas-sena 2020, kien ser ikun hemm zewg impjegati li kien ser jifdlilhom numru ta' sieghat *f'vacation leave* mhux utilizzat. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jigi mitlub sabiex tmienja u erbghin siegha mill-vacation leave tal-Assistent Ufficjal Principali u wahda mill-iskrivani jigi akkumulat mal-*vacation leave* ghas-sena 2021. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-*vacation leave* taz-zewg impjegati kellu jigi akkumulat hekk kif propost.

**22.10 Performance appraisals tal-impjegati klerikali**

22.10.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal Assistent Ufficjal Principali ghas-sena 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

22.10.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal skrivana fi skala 15 ghas-sena 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegata mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

22.10.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal skrivana fi skala 15 ghas-sena 2019 ( liema skrivana giet ingaggjata f'Ottubru 2019). Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegata mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

*F'dan l-istadju il-kunsilliera Noyah Spiteri Hammett harget mis-Seduta ( 6:05p.m.)*

**22.11 Estimi finanzjarji 2021**

22.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif mehtieg, flimkien mal-amministrazzjoni u l-accountant, kien inhadem abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2020, liema estimi kienu gew diskussi waqt il-laqgha annwali tal- lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega d-dokument abbozzat li kien gie mpoggi fuq il-mejda ghad-diskussjoni.

22.11.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

*F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri hareg mis-Seduta ( 6:45p.m.)*

*F'dan l-istadju u peress li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tas-seduta is-Sindku ghaddiet mozzjoni biex tkun tista' titkompla s-seduta. Is-Sur James Cauchi ssekonda u kien hemm votazzjoni unanima.*

**22.12 Rapporti**

22.12.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jippartecipa fi progett ta' thaddir ta' pjazez urbani minn Ambjent Malta. Decizjoni dwar is-siti kellha tittiehed hekk kif il-Kunsill Lokali ikollu d-dettalji mehtiega.
- Kien hemm qbil illi kellu jsir railing fi Triq il-Pellegrinagg ( il-parti li taghti ghal fuq Triq l-Iljun) bil-ghan illi jigi evitat periklu li kien hemm.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi b'effett immedjat ir-Regjun Xlokk kien ser ikun qieghed joffri s-servizzi ta' Data Protection Officer lill-Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw parti mill-istess regjun.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat bi problemi ta' traffiku li kien hemm fi Triq Alessandra waqt il-hrug ta' studenti mill-middle school, kien hemm qbil illi kellha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta halli jigi riservat spazju ta' zewg parkeggi ghall-*coaches*.
- Kien hemm qbil bejn illi kellhom jigu kkonsultati l-Kunsilli Lokali tal-kottonera bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' illi tigi sottomessa applikazzjoni kongunta ghall-Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2031.
- Wara li inqraw stimi li kienu ingabru, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jinxtara server gdid bil-ghan illi jkun hemm *remote access* ghall-informazzjoni tal-Kunsill Lokali bi spiza totali ta' Ewro 1021.51.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi r-Regjun Xlokk kien baghat korrispondenza li permezz taghha informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jirrifondi l-ammont ta’ elf ewro lill-Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw parti mill-istess Regjun b’konnessjoni ma xiri jew kiri ta’ tizjin u dekorazzjonijiet fit-toroq ghal zmien il-Milied .
- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat li minhabba bidla fil-legislatura kien hemm il-htiega illi jigi nominat mill-gdid Deputat Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali, kien hemm qbil unanimu illi s-Sa. Ramona Falzon Gatt kellha terga’ tigi nominata sabiex tokkupa l-kariga msemmija.
- Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellhom jigu kkonsultati l-Kunsilli Lokali tal-Kottonera (fuq proposta tas-Sindku) bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli jigi ffirmat ftehim ma kumpanija privata li permezz tieghu ir-residenti tal-lokalitajiet rispettivi jkunu jistghu jibbenefikaw minn servizzi ta’ tiswija minghajr hlas ta’ kompjuters u *laptops*.
- Wara li gie pprezentat kuncett minn investitur privat, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi proposta ghal imwejjed u siggijiet fi spazju miftuh fi Triq l-Oratorju ma kellhomx isibu oggezzjonijiet mill-Kunsill Lokali.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat bil-konkluzjoni tal-progett LC care project, inkluz konferenza ghall-istampa li kien qieghed jigi ppjanat li tinzamm, fuq proposta tal-Kunsillier James Cauchi kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri dried food ghall-qtates bi spiza ta’ tliet mija u hamsin ewro biex jitqassmu lil dawk li kienu jitimghu l-annimali bhala ghajnuna supplimentari ghal dik li kien ghadda l-progett LC Care Project matul l-2020.
- Il-Kunsill Lokali iddiskuta petizzjoni li kienet waslet minghand residenti ta’ Triq l-Oratorju, liema petizzjoni kienet titlob illi jittiehdu mizuri bil-ghan illi jitrazzan sewqan eccessiv li kien qieghed ikun hemm. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jigu installati traffic calmers hekk kif jitlestew xogholijiet ta’ asfaltar li kien hemm ippjanati.

**22.13 Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss**

**22.13.1** Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-14 ta’ Jannar 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>14 ta’ Jannar, 2021</u>.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |